**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

CHAIRPERSON

Rikors Nru: 505/2021 LC

**NATHALIE XUEREB (K.I. 18362M)**
**PAUL COLOMBO (K.I. 461872M)**
**JACQUELINE POLANSZKY (K.I. 515573M)**
**JOSEPH COLOMBO (K.I. 687144M)**
**DOLORES GRECH (K.I. 197446M)**
**COSTANZA COLOMBO (K.I. 708447M)**
**ANTHONY COLOMBO (K.I. 300249M)**
**RITA MICALLEF (K.I. 988150M)**
**STELLA FALZON (K.I. 97353M)**
**JULIAN COLOMBO (K.I. 349754M)**
**ROSARIA GRECH (K.I. 702255M)**
**ALFRED COLOMBO (K.I. 316757M)**
**MARIA GRECH (K.I. 697140M)**

*vs*

**JULIAN SALIBA (K.I. 639553M) U**

**MARIA NORMA SALIBA (K.I. 31356M)**

**Illum, 16 ta' Novembru 2022**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Paul Colombo et fejn, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jordna li jsir debitu test tal-mezzi tal-intimati Julian Saliba u Maria Norma Saliba u dan b'applikazzjoni tal-Att XXIV tal-2021, u tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 4A(3)(ċ) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

II. Jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu opportuni, skont ir-riżultanzi tat-test tal-mezzi u ċioè, illi jekk ma jiġux sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna minnufih l-iżgumbrament tal-intimati Julian Saliba u Maria Norma Saliba mill-fond suriferit bl-indirizz 17, St. Paul's Flats, Flat 2, Sqaq Tomna, San Ġwann, fi żmien perentorju stabbilit minn dan l-istess Bord skont il-liġi, u jillikwida kumpens dovut ai termini tal-artikolu 4A(4) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-intimati jħallsu l-kumpens hekk likwidat; jew

III. Jekk jiġu sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna t-tkomplija tal-lokazzjoni relattiva, jistabbilixxi kondizzjonijiet ġodda rigward għall-ħlas tal-kera, u jiddikjara illi l-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena 2021, u jordna sabiex il-kera titħallas mill-intimata hekk kif dikkjarat;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata mill-esponenti.

Ra r-risposta tal-intimati Julian Saliba u Maria Norma Saliba fejn eċċepew sommarjament, illi (i) l-atturi jridu jipprovaw it-titolu tagħhom; (ii) huma jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-mezzi hekk kif stabbiliti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi); (iii) illi m'għandu jkun hemm l-ebda awment fil-kirja imħallsa mill-intimati tenut id-dħul u il-mezzi tagħhom; (iv) illi jekk dan il-Bord jiffissa awment fil-kirja, il-Bord għandu jqis il-benefikati li saru mill-istess intimati; (v) illi jekk dan il-Bord se jiffissa kirja ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tali żieda għandha tkun tqarreb aktar lejn il-minimu u/jew b'rati miżjuda gradwalment; u (vi) illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, u li għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) r-rikorrenti għandhom jipprovaw it-titolu tagħhom u li huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) il-Bord għandu jikkostata jekk l-Att XXIV tal-2021 huwiex applikabbli għall-każ odjern, (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti u (iv) f'każ li l-inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tad-9 ta' Settembru, 2021, l-intimati wettqu t-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Alan Galea u l-Perit Marie Louise Caruana Galea ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Sema' x-xhieda prodotta;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid tal-kera tal-fond jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi mill-Att ta' Dikjarazzjoni *Causa Mortis* ippubblikata minn Nutar Dottor James Grech fis-7 ta' Marzu 2016[1] jirriżulta illi d-*dante causa* tar-rikorrenti, senjatament Giovanna Cini, ġja armla minn Paolo Colombo, mietet fil-21 ta' Novembru 2015[2] u permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa datat l-1 ta' Ottubru 2003 hija nnominat lit-12-il uliedha, senjatament Maria Grech, Emmanuel Colombo; Joseph Colombo; Dolores Grech; Costanza Colombo; Anthony Colombo; Rita Micallef; Stella Falzon; Julian Colombo; Rosaria Grech; Alfred Colombo u Natahlie Xuereb. Emmanuel Colombo ġie nieqes qabel it-testratriċi u b'hekk sehemu mill-wirt *de quo* ddevolva fuq uliedu Paul Colombo u Jacqueline Polanszky. Illi jirriżulta li l-fond de quo kien jappartjeni lill-imsemmija Giovanna Ċini.

[1] Ara Dpl CM a fol. 21 tal-atti proċesswali.
[2] Ara fol. 27 tal-atti proċesswali.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt ikkreat mill-Att Pubbliku appena msemmi. B'hekk, abbażi ta' din id-dikkjarazzjoni *causa* mortis, il-Bord huwa sodisfatt li r-rikorrenti huma effettivament s-sidien tal-propjetà *de quo*..

Ikkonsidra;

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-fond de quo ilu mikri lill-intimati sa mill-1979 b'kera miżera ta' €289 fis-sena. Illi l-intimati ma ressqu ebda prova sabiex jikkontestaw din id-dikjarazzjoni u b'hekk, għall-finijiet biss ta' dawn il-proċeduri il-Bord huwa sodisfatt li l-intimati Julian Saliba u Maria Norma Saliba huma tassew l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimati Julian Saliba u Maria Norma Saliba ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(6) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimati, ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(5) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimati Julian Saliba u Maria Norma Saliba ma jeċċedux il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'appartament fil-livell terran bin-numru 17, St. Paul's Flats, Flat 2, Tomna Lane, San Ġwann u jinsab fiż-żona residenzjali ta' San Ġwann. Il-fond huwa fi stat finished. Il-finituri huma qodma u l-post għandu bżonn *refurbishment* u *upgrade*. Minn spezzjoni viżwali ġie nnutat li l-fond jinsab strutturalment f'kondizzjoni tajba. Is-servizzi tal-elettriku, ilma u drenaġġ huma preżenti u funzjonabbli.

Il-Periti, wara li ħadu konjizzjoni tal-proċess u wara li kkonsidraw il-fatturi relatati mal-fond, fosthom (i) konsiderazzjoni ta' property comparables u (ii) il-kondizzjoni tal-fond u l-ispejjeż konnessi ma xogħolijiet relatati biex isir upgrade u refurbishment biex jiġi konformi mal-istandards imfittxija fil-ġurnata tal-lum huma tal-fehma li l-valur tal-fond, li kieku mibjugħ volontarjament minn sidu fl-istat li jinsab fih, bil-pussess battal, fuq is-suq ħieles, f'Jannar 2021 hu ta' mija u ħamsin elf Ewro (€150,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza**

**Vincenza sive Lora Zarb**[3]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimati u tal-età tagħhom, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante li twettaq it-Test tal-Mezzi waqt l-andament tal-proċeduri odjerni;

[3] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

2. Jiċħad it-tieni talba stante illi l-intimati jissodifaw il-kriterji tat-Test tal-Mezzi;

3. Jilqa' t-tielet talba u jiddikkjara illi l-kera tal-fond li jinsab f'17, St. Paul's Flats, Flat 2, Sqaq Tomna, San Ġwann, għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimati Julian Saliba u Maria Norma Saliba lir-rikorrenti *in solidum* għall-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000) fis-sena u jordna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti *in solidum* l-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum, bħala d-data tas-sentenza;

4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**